MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 154/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angel Joseph Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angel Joseph Caruana talli fl-4 ta’ Gunju 2003 bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awrorita` tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu, jew hatt bini jew kiser il-mixi ta’ l-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b’xi mod jew iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor u dan billi impedixxa lil martu Elaine Caruana mid-dritt taghha ghal access ghad-dar matrimonjali tal-koppja, jigifieri “Notte Magiche”, Triq l-

Arznell, M'Xlokk, u dan billi biddel ic-cilindru tas-serratura tal-bieb ta' barra u b'hekk martu ma setghetx u ghadha ma tistax tidhol fid-dar matrimonjali.

Il-Qorti giet mitluba illi apparti milli tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imsemmi Angel J. Caruana illi jirripristina l-pussess ta' Elaine Caruana;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 85 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Angel Joseph Caruana hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sitt xhur u ordnat li fi zmien tliet gimghat jaghti cavetta tad-dar matrimonjali lill-kwerelanti sabiex hija jkollha access reali u attwali ghad-dar matrimonjali;
Rat ir-rikors ta' appell ta' Angel Joseph Caruana pprezentat fil-5 ta' April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi (1) tiddikjara li l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni; alternattivament (2) tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi; (3) sussidjarjament u minghajr pregudizzju, f'kaz li l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-kawza hija preskritta bid-dekorriment tal-perijodu ta' sentejn; (2) li, minghajr pregudizzju, martu abbandunat id-dar, u l-provi tal-prosekuzzjoni huma konfuzjonali; (3) li, minghajr pregudizzju, huwa biddel is-serratura wara li martu abbandunat il-pussess; (4) li, minghajr pregudizzju, huwa ried biss jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprotegi hwejgu; (5) li, minghajr pregudizzju, l-ordni biex huwa jaghti cavetta tal-fond lil Elaine Caruana mhux konducenti

ghall-ahjar rizoluzzjoni tal-pendenza bejn il-partijiet; (6) li, minghajr pregudizzju, is-sanzjoni ta' prigunerija sospiza hija eccessiva.

B'referenza ghall-ewwel aggravju ta' l-appellant, il-prosekuzzjoni, fuq talba tal-Qorti, esebiet ir-riferta rigwardanti n-notifika ta' l-appellant fil-bidu tal-proceduri. Din ir-riferta giet esebita fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2010. Minnha jirrizulta li l-appellant gie notifikat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Gunju 2005 wara bosta tentattivi. Irid jigi osservat illi l-kwerela ntbaghtet lill-Pulizija fl-10 ta' Gunju 2003, ftit granet biss wara l-allegat akkadut u nonostante cio` kien biss fis-26 ta' Mejju 2005 u wara numru ta' *reminders* mill-avukat tal-kwerelanti, li nharget ic-citazzjoni. Peress illi l-incident allegatament sehh fl-4 ta' Gunju 2003 u l-appellant gie notifikat fl-20 ta' Gunju 2005, ifisser li kienu ghaddew aktar minn sentejn.

Issa, l-appellant jikkontendi li l-perijodu huwa preskritt. Hawn si tratta tar-reat ta' *ragion fattasi*. Il-piena ghal dan ir-reat huwa ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur. Ghalhekk il-perijodu preskrittiv huwa ta' sentejn skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda minn meta jibda jiddekorri? Fil-kaz in ezami si tratta ta' att wiehed ta' kommissjoni konsistenti fil-bdil ta' serratura fl-4 ta' Gunju 2003. Vincenzo Manzini jghid[1] dwar ir-reat ta' *ragion fattasi*:

**"E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato."**

---

[1] Vincenzo Manzini, **Trattato di Diritto Penale Italiano**, Vol. V, Torino 1950, p. 996.

Fil-kaz in ezami, il-fatt tal-bdil tas-serratura kellu effett permanenti, izda xorta jrid jitqies bhala reat istantaneju u b'hekk il-preskrizzjoni beda jiddekorri mill-jum tal-konsumazzjoni, cioe` mill-jum meta gie kommess l-att ta' l-appellant li jbiddel is-serratura tad-dar. Stante li bejn dak il-jum u l-jum meta gie notifikat bic-citazzjoni ghaddew aktar minn sentejn, l-azzjoni fil-konfront tieghu hi preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tiddikjara l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-appellant preskritta a tenur ta' l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------